# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

## S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMĦALLEF CHRISTIAN FALZON SCERRI
## ONOR. IMĦALLEF JOSETTE DEMICOLI

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 18 ta' Jannar, 2024**

**Numru 11**

**Rikors numru 950/2018/1 LM**

**Edward Keninwenimo Etete**
**rappreżentat mill-mandatarju speċjali tiegħu Teinane Okpokiti**

**v.**

**Mediatoday Company Limited (C30987)**

**Il-Qorti:**

1. Din hija sentenza dwar appell imressaq mill-attur minn deċiżjoni mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili nhar id-19 ta' Ġunju, 2019, fejn il-Qorti laqgħet l-eċċezzjoni preliminari tal-kumpanija konvenuta u għażlet li ma tkomplix bis-smigħ tal-kawża, bl-ispejjeż kontra l-attur.

**Daħla**

2. B'rikors imressaq fis-26 ta' Settembru, 2018 l-attur irrefera għal artiklu, li deher fil-gazzetta tal-kumpanija konvenuta MaltaToday nhar is-7 ta' Ġunju, 2016 intitolat: «*Son of controversial Nigerian Minister used Maltese intermediary to set up BVI company*», li jgħid li fih ġew ippubblikati allegazzjonijiet ta' fatt illi huma ħżiena u li ma jixhdux il-verità, fosthom illi huwa iben ċertu Dan Etete li kien Ministru ġewwa n-Niġerja, liema allegazzjoni ta' fatt hija waħda ħażina u skorretta billi huwa jiġi iben Edward Gunn Etete.

3. L-attur sostna li huwa għandu interess li ma jkunx suġġett ta' aħbarijiet li mhumiex minnhom u illi huma ħżiena u m'għandhomx mill-verità u huwa għalhekk li kiteb bonarjament lill-kumpanija konvenuta sabiex tirranġa l-allegazzjonijiet ta' fatti ħżiena u m'għandhomx mis-sewwa fl-artikolu msemmi iżda l-kumpanija konvenuta baqgħet għalkollox passiva u ma weġbitx għall-ittri mibgħuta lilha.

4. Għaldaqstant l-attur fetaħ din il-kawża u talab lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili sabiex:

> *«1. Tiddikjara u tiddeċiedi illi f'artikolu li deher fil-gazzetta tal-kumpanija konvenuta "MaltaToday" ta' nhar is-7 ta' Ġunju, 2016, intitolat "Son of controversial Nigerian minister used Maltese intermediary to set up BVI company", kopja ta' liema qiegħda tiġi hawn annessa u mmarkata bħala "Dok. EKE1" ġew ippubblikati allegazzjonijiet ta' fatt illi huma ħżiena u skorretti, fost liema, ġie allegat bħala fatt illi l-esponenti huwa iben ċertu*

*Dan Etete li kien Ministru ġewwa n-Niġerja liema allegazzjoni ta' fatt hija waħda ħażina u skorretta billi l-esponenti huwa iben Edward Gunn Etete;*
*2. Konsegwentement tordna lill-kumpannija konvenuta tikkoreġi l-istess artikolu kull fejn jeħtieġ u kull fejn jidher inkluż fuq is-sit elettroniku https://www.maltatoday.com.mt/ sabiex ikun konformi mal-fatti veri u korretti;*
*Bl-ispejjeż kontra l-kumpannija konvenuta illi r-rappreżentanti, diretturi u azzjonisti tagħha huma minn issa stess inġunti in subizzjoni.»*

5. Il-kumpanija konvenuta MediaToday Company Limited ippreżentat risposta maħlufa fis-7 ta' Diċembru, 2018, li permezz tagħha wieġbet hekk:

> *«1. Preliminarjament l-inkompetenza ta' din l-Onorabbli Qorti billi l-azzjoni proposta mill-attur hija azzjoni ta' libell li taqa' taħt il-kompetenza tal-Qorti tal-Maġistrati fil-ġurisdizzjoni ċivili tagħha, u dan ai termini tal-Att dwar il-Midja u l-Malafama, Kapitolu 579 tal-Liġijiet ta' Malta;*
> *2. Preliminarjament ukoll u mingħajr preġudizzju għall-premess, l-azjoni hija preskritta ai termini tal-Artikolu 18 tal-Kapitolu 579 tal-Liġijiet ta' Malta billi r-rikors promotur ġie intavolat aktar minn sena mid-data tal-pubblikazzjoni;*
> *3. In linja preliminari wkoll, is-soċjetà eċċipjenti mhijiex il-leġittimu kontradittur billi azzjoni ta' libell tista' titressaq biss kontra individwu ossia l-awtur tal-pubblikazzjoni jew kontra l-editur, u f'każ biss li dawk il-persuni ma jkunux jistgħu jiġu faċilment identifikati, kontra r-responsabbli għall-pubblikazzjoni.*
> *4. Mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-azzjoni kif proposta mill-attur m'hu ser iġġib ebda riżultat utli jew vantaġġuż għalih billi l-pubblikazzjoni inkwistjoni diġà tneħħiet mis-sit elettroniku u għalhekk m'hemm xejn x'jiġi korrett.*
> *5. Illi f'kull każ, l-azzjoni attriċi hija infondata fil-fatt u fid-dritt.*
> *6. Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri.»*

6. Permezz tad-deċiżjoni tagħha fid-19 ta' Ġunju, 2019, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili eżaminat l-ewwel eċċezzjoni tal-kumpanija konvenuta, hekk kif maqbul mill-partijiet, u ddeċidiet li tilqa' l-istess eċċezzjoni u għażlet li ma tkomplix bis-smigħ tal-kawża, bl-ispejjeż ibatihom l-attur.

7. Ir-raġunijiet tal-Ewwel Qorti li wassluha sabiex tiddeċiedi hekk

kienu dawn:

*«Permezz tal-azzjoni tiegħu l-attur qiegħed jitlob dikjarazzjoni li s-soċjetà konvenuta ppubblikat allegazzjonijiet ta' fatt li huma skorretti u mhux veritieri meta qalet li l-attur hu iben ex ministru li qiegħed jiffaċċja ċerti akkużi, meta dan mhux minnu stante li l-ex ministru inkwistjoni mhuwiex missier l-attur, u konsegwentement qiegħed jitlob ukoll li s-soċjetà konvenuta tikkoreġi l-artikolu ppubblikat minnha.*

*Is-soċjetà konvenuta eċċepiet li din hi kawża ta' libell minħabba li l-attur ħassu mmalafamat bl-assoċjazzjoni li saret meta ntqal li hu iben ex ministru partikolari, u argumentat li l-azzjoni tal-attur hi msejsa fuq il-fehma tiegħu li dak li ġie ppubblikat jagħmel ħsara serja lir-reputazzjoni tiegħu, sabiex b'hekk anke jekk imkien ma ssemmiet il-kelma 'libell' jew 'malafama', il-proċeduri odjerni huma essenzjalment proċeduri ta' libell minħabba li l-attur ħassu malafamat jew ħass li r-reputazzjoni tiegħu ġiet imtappna b'dak li ġie ppubblikat. Mill-affidavit tal-attur*[1] *joħroġ ċar x'kienet l-intenzjoni tiegħu wara l-azzjoni odjerna:*

> *«That I have instructed my counsel to file a civil suit in the Maltese civil court against Malta Today for defamation.»*

*Ġie argumentat ukoll mis-soċjetà konvenuta li l-azzjoni odjerna tressqet quddiem din il-Qorti u mhux quddiem il-Qorti tal-Maġistrati għax l-attur ma setax jistitwixxi kawża ta' libell quddiem il-Qorti tal-Maġistrati stante li tali azzjoni hija preskritta ai termini tal-Kapitolu 579 tal-Liġijiet ta' Malta jekk tiġi ppreżentata aktar minn sena wara l-pubblikazzjoni. Is-soċjetà konvenuta tikkontendi li f'każ li din il-Qorti tiddeċiedi li tibqa' tisma' l-kawża odjerna, ikun qiegħed jinħoloq mod kif wieħed idur mat-terminu ta' preskrizzjoni impost mil-liġi, għaliex f'każ li jirriżulta kawża ta' libell ma tistax issir minħabba l-preskrizzjoni, persuna li tħossha mmalafamata b'dak li jkun jinkiteb, tista' tagħżel minflok li tippreżenta kawża quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili.*

*Waqt it-trattazzjoni l-avukat difensur tal-attur spjega li aktar milli każ ta' malafama, l-attur qiegħed jipprova jikkoreġi stat ta' fatt li ġie ppubblikat minħabba li xi ħadd allega li hu iben xi ħadd, meta fil-fatt missieru hu xi ħaddieħor. L-argument tal-attur hu li jekk issir allegazzjoni li xi ħadd huwa iben Titus, meta fil-fatt dak l-individwu jkun iben Sempronius, m'hemmx għalfejn wieħed iħossu malafamat jew inġurjat, u li kien għalhekk li hu ma fetaħx proċeduri ta' libell quddiem il-Qorti kompetenti, iżda pproċeda b'kawża dikjaratorja. Hu proprju l-korrezzjoni ta' dan l-istat ta' fatt li din il-kawża qiegħda tittenta tikseb.*

*Il-Qorti kkunsidrat ukoll li dan l-artikolu ġie ppubblikat aktar minn tliet snin ilu, u li fil-preżent l-unika traċċa ta' dak li kien ġie ppubblikat jinsab f'xi arkivju tal-Biblijoteka stante li r-rekords online ta' dak li ġie ppubblikat illum tneħħew. Għalhekk kif enfasizza l-avukat difensur tal-attur waqt it-*

[1] A fol. 9 tal-proċess.

*trattazzjoni tiegħu, l-iskop ewlieni wara dawn il-proċeduri kien proprju li tinkiseb dikjarazzjoni mill-Qorti li dak li ġie ppubblikat fl-artikolu inkwistjoni kien manifestement żbaljat.*

*Il-Qorti tqis ukoll li l-attur kellu rimedju ieħor għad-dispożizzjoni tiegħu, liema rimedju iżda jidher li ma ġiex użat, dik li jitlob id-dritt għar-risposta għal dak li ġie ppubblikat, u li jitlob li r-risposta tiegħu tingħata prominenza xierqa bħall-artikolu li anki jekk l-attur ma jgħidx li mmalafamah, tal-anqas iħoss li vvessah, tant li nieda dawn il-proċeduri sabiex jittenta jikseb dikjarazzjoni li l-artikolu inkwistjoni kien skorrett bħala fatti kif rappurtati. Il-Qorti tqis hawnhekk li jkun ta' siwi li tiċċita minn dak li ntqal fis-sentenza ismijiet* ***Alex Mangion v. Anthony Cilia Pisani***[2] *:*

> *«F'dan il-kuntest, l-interess irid ikun ġuridiku fis-sens li dan l-interess irid ikun rikonoxxut bil-liġi u l-azzjoni trid tkun preordinata għall-otteniment ta' rimedju protett bil-liġi. Minħabba dan ir-rekwiżit, ġie deċiż li rimedji li jwasslu biss għall-otteniment ta' sempliċi dikjarazzjoni mhux permissibbli. Fil-kawża* **Darmenia v. Borg Olivier noe***, deċiża mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fit-18 ta' Frar, 1966, intqal li, «fis-sistema aktarx segwit mill-Qrati tagħna, għad li mhumiex projbiti domandi diretti għall-otteniment ta' sempliċi dikjarazzjoni li tista' tkun preordinata għal domanda oħra definittiva jew finali, avolja din ma tkunx dedotta, jeħtieġ illi l-Qorti tkun persważa illi dak ir-rimedju l-ieħor jista' jingħata; jekk ir-rimedju konsegwenzjali mhuwiex ottenibbli mill-Qorti, id-dikjarazzjoni ma tingħatax.» Hekk ukoll, fil-kawża* **Edrichton Estates Ltd v. Munro Philips Co. Ltd***., deċiża minn din il-Qorti fit-2 ta' Ottubru 2003, intqal li f'każ ta' talbiet dikjaratorji, il-Qorti tista' tieħu konjizzjoni tagħhom, purche dawn ikunu preordinati għal domanda definittiva u finali, anke jekk din tkun għadha ma ġietx dedotta f'ġudizzju (aAra wkoll* **Grech v. Grech***, deċiża mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-11 ta' Jannar 1989).»*

*Il-Qorti tqis illi l-azzjoni ttentata mill-attur saret bl-iskop li jikseb dikjarazzjoni li dak li ġie ppubblikat fil-gazzetta kien żbaljat jew skorrett, mingħajr ma jirrikorri għal proċeduri ta' libell quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, anki għaliex l-attur qiegħed fl-impossibilità li jipproponi kawża ta' libell minħabba fit-trapass taż-żmien stipulat fl-artikolu 18 tal-Kap. 579 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*Il-Qorti qieset ukoll li l-aktar rimedju ovvju u sempliċi li kellu l-attur, ladarba permezz ta' dawn il-proċeduri mhux qiegħed jippretendi r-riżarċiment tad-danni, kien id-dritt għar-risposta u li r-risposta tiegħu tingħata prominenza xierqa bħall-artikolu li ġie ppubblikat fil-gazzetta, imma l-attur iddeċieda li ma jirrikorriex għal dan ir-rimedju. F'dan il-kuntest il-Qorti tqis illi l-azzjoni odjerna hija maħsuba biss biex tinkseb dikjarazzjoni dwar il-korrettezza tal-fatti pubblikati, u għad li mhuwa qed jintalab l-ebda rimedju ieħor, tali dikjarazzjoni taħt il-liġi Maltija tista' tingħata biss fl-ambitu ta' kawża ta' libell li l-attur ma setax jistitwixxi ladarba kienet għaddiet aktar minn sena mill-pubblikazzjoni tal-artiklu inkwistjoni.*

---

[2] P.A, 20.05.2004.

*Għalhekk in vista tal-konsiderazzjonijiet suesposti, il-Qorti qiegħda tilqa' l-ewwel eċċezzjoni mressqa mis-soċjetà konvenuta, u tiddikjara li din l-azzjoni kellha titressaq quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Ġurisdizzjoni Ċivili) ai termini tal-Att dwar il-Midja u l-Malafama, u għalhekk qiegħda tiddeklina milli tkompli tisma' din il-kawża.»*

8. L-attur appella minn din is-sentenza b'rikors tat-8 ta' Lulju, 2019, li permezz tiegħu ressaq sitt aggravji, flimkien ma' osservazzjoni finali.

9. Min-naħa tagħha l-kumpanija konvenuta permezz tar-risposta tagħha tas-26 ta' Lulju, 2019 tat ir-raġunijiet għala l-appell għandu jiġi miċħud.

10. Inżamm smigħ fid-19 ta' Ottubru, 2023 u l-kawża tħalliet għas-sentenza għal-lum.

**Konsiderazzjonijiet**

11. Illi permezz tal-azzjoni tiegħu l-attur talab dikjarazzjoni li l-kumpanija konvenuta ppubblikat artikolu li kien fih allegazzjonijiet ta' fatt li kienu ħżiena u li ma kienux jixhdu s-sewwa. Huwa rrefera għall-fatt li fl-artiklu li ġie ppubblikat fil-gazzetta MaltaToday nhar is-7 ta' Ġunju, 2016 inkiteb li missieru kien ċertu Dan Etete li kien Ministru ġewwa n-Niġerja, meta dan tal-aħħar bħala fatt mhux missieru. Huwa għalhekk talab li l-kumpanija konvenuta tiġi ordnata tikkoreġi dan l-artiklu kull fejn jeħtieġ u kull fejn jidher inkluż fuq is-sit elettroniku tagħha.

12. Illi l-kumpanija konvenuta eċċepiet li l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili hija inkompetenti *ratione materiae* billi l-qorti kompetenti hija l-Qorti tal-Maġistrati fil-ġurisdizzjoni ċivili tagħha, u dan b'riħet l-**Att dwar il-Midja u l-Malafama**.

13. Illi l-qofol ta' din il-kawża jirrigwarda l-kompetenza ta' qorti *ratione materiae* u, bħala tali, hija kwistjoni ta' ordni pubbliku li l-qorti nnifisha tista' saħansitra tqajjem minn rajha (ara s-sentenza tal-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) tat-12 ta' Jannar, 2005 fil-kawża fl-ismijiet ***Vincent Pisani v. Anthony R. Pisani***) u jmissha tkun determinata u deċiża b'kap għaliha taħt piena ta' nullità (ara s-sentenza tal-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) tal-31 ta' Ottubru, 2008 fil-kawża fl-ismijiet ***Evelyn Busuttil v. Frances Borg***), imqar jekk ukoll fis-sentenza aħħarija (**Artikolu 730 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**).

14. Illi huwa prinċipju aċċettat li l-qrati ċivili fil-kompetenza ordinarja tagħhom għandhom is-setgħa li jisimgħu u jaqtgħu dwar kull kwistjoni ta' għamla ċivili, sakemm is-setgħa dwar dik il-kwistjoni ma tkunx ġiet mogħtija lil tribunal speċjali b'liġi apposta (ara s-sentenza tal-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) tat-28 ta' Ottubru, 1994 fil-kawża fl-ismijiet ***Angelo Attard v. Gianmarì Attard***). Fi kliem ieħor, il-qrati ċivili għandhom is-setgħa li jiddeċiedu kull materja ta' natura ċivili sakemm din ma tkunx riżervata b'liġi miktuba lil xi tribunal jew bord speċjali (ara

***Joseph Fenech et v. Rev. Saċ. Prof. Serafino Zarb noe et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fl-10 ta' Mejju, 1952 u ***Saviour Mifsud et v. Alfred Lucia et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) fl-14 ta' Lulju, 2004; kif ukoll, is-sentenza tal-Qorti tal-Appell tas-27 ta' April, 2023 fil-kawża fl-ismijiet ***Raymond Cassar v. Montekristo Vineyards Limited***).

15. Tajjeb li wieħed iżomm f'moħħu wkoll, li jekk is-setgħa tal-Qorti toħroġ minn imqar waħda mit-talbiet tal-atturi, allura xejn ma jkun jiswa li fit-talbiet l-oħrajn, meħuda individwalment, il-kompetenza tkun dik tal-qorti ta' ġurisdizzjoni limitata (***Vincenzo Carabott et v. Avukat Dottor John Gouder et noe*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-30 ta' April, 1951 u ***Albert Mamo et v. Rosalina Zammit*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-25 ta' Jannar, 2001).

16. Miżmuma dawn il-prinċipji, ngħaddu issa għas-sitt aggravji li ressaq l-attur li jistgħu jingħasru għal dak li ġej:

(i) l-Ewwel Qorti ma ddeċidietx tajjeb meta qieset illi azzjoni sabiex tinkiseb dikjarazzjoni dwar il-korrettezza ta' fatti ppubblikati taħt il-liġi Maltija tista' tingħata biss fl-ambitu ta' kawża ta' libell. Isostni li m'hemm imkien fil-liġi li l-attur ma jistax jitlob dikjarazzjoni ġudizzjarja dwar korrettezza ta' fatti allegati jekk mhux fl-ambitu ta' kawża ta' libell. Ikompli li kawża ta' libell mhix intiża sabiex jiġi stabbilit u dikjarat ġudizzjarjament b'dikjarazzjoni jekk fatti

mistqarra u pubblikati humiex veri jew le. Jirreferi għall-**artikolu 3 tal-Kapitolu 579**. Isostni li l-azzjoni tiegħu ma kinitx ta' libell u li r-rimedju li talab huwa ma jingħatax f'kawża ta' libell.

(ii) l-Ewwel Qorti żbaljat fejn hija ma għamlitx distinzjoni bejn kawża ta' libell u kawża dikjaratorja dwar fatti, illi għad li jista' jagħti l-każ illi ma jkunux libellużi fit-termini tal-liġi, ma jkunux korretti. Jgħid li l-pubblikazzjoni fiha stqarrija ta' fatt ħażina dwar il-parentela tiegħu u dan ma jwassalx għall-estremi maħsuba mill-Kapitolu 579 li ġew pubblikati stqarrijiet diffamatorji, libellużi, inġurjużi jew malafamanti tant li jkun hemm ħsara serja lir-reputazzjoni ta' persuna. Għaldaqstant huwa ma kellu l-ebda raġuni li jipproċedi b'kawża ta' libell. Isostni wkoll li l-Ewwel Qorti skartat it-termini, in-natura u l-indoli tal-azzjoni tiegħu u ddeċidiet il-kawża fuq kawżali li huwa ma ressaqx.

(iii) l-Ewwel Qorti żbaljat meta bbażat il-ġudizzju tagħha fuq konsiderazzjonijiet għalkollox irrilevanti għal mertu tal-ewwel eċċezzjoni preliminari u fejn qajmet minn jeddha kwistjoni li lanqas biss kienet tqajmet bħala difiża mill-kumpanija konvenuta, ċjoè li huwa kellu rimedju ieħor ta' dritt għar-risposta għal dak li ġie ppubblikat. Jisħaq li mhux minnu li kellu rimedju ieħor u dan meta jitqies dak li jipprovdi l-**Artikolu 15 tal-Kap 579**; u fi kwalunkwe każ, jgħid li dritt għar-risposta ma huwiex l-istess bħal dikjarazzjoni ġudizzjarja billi din tal-aħħar tistabbilixxi fatt b'mod oġġettiv u

jkollha l-forza ta' ġudikat. Isostni li rimedju ma jeskludix lill-ieħor. Jisħaq ukoll li l-Ewwel Qorti ma tatux l-opportunità li jressaq xi provi dwar dan il-punt billi semmietu hi minn jeddha. Jirreferi wkoll għal diversi kummenti li wettqet l-Ewwel Qorti fosthom kemm kien ilu li ġie ppubblikat l-artikolu u dwar kif jista' jinstab huma kollha irrilevanti għad-determinazzjoni tal-kwistjoni tal-kompetenza.

(iv) l-Ewwel Qorti ma kellhiex tippronunzja ruħha fuq il-kwistjoni tal-preskrizzjoni ta' kawża ta' libell. Jgħid li barra mill-fatt li huwa ma ppreżentax kawża ta' libell, is-sentenza tal-Ewwel Qorti kellha tkun biss fuq l-ewwel eċċezzjoni u xejn aktar.

(v) ikompli li anke li kieku dak kollu kkunsidrat mill-Ewwel Qorti għandu mis-sewwa, xorta waħda ma kienx iwassal sabiex tintlaqa' l-ewwel eċċezzjoni tal-kumpanija konvenuta;

(vi) mingħajr ħsara għall-aggravji l-oħra, l-appellant isostni li jekk din il-Qorti taqbel mad-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti, il-Qorti hija obbligata tordna li l-atti tal-proċeduri jintbagħtu lill-qorti kompetenti b'riħet l-**Artikolu 741(b) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.**

(vii) Fl-aħħar nett, l-appellant josserva li wara l-għoti tas-sentenza sar jaf li l-Imħallef li ddeċieda l-kawża kien jimmilita f'partit politiku flimkien mad-direttur tal-kumpanija konvenuta. Jgħid li għalkemm legalment m'hemmx l-estremi tar-rikuża kif kontemplati mil-liġi, huwa kien jistenna li l-Imħallef sedenti jiddikjara l-pożizzjoni tiegħu

billi dik is-sitwazzjoni timpinġi fuq l-imparzjalià tal-ġudikant u huwa prinċipju stabbilit li l-ġustizzja mhux biss trid issir iżda trid tidher li qiegħda ssir.

17. Il-kumpanija konvenuta appellata wieġbet billi fl-ewwel lok sostniet li l-ewwel, it-tieni u l-ħames aggravji huma marbutin flimkien u laqgħu għalihom billi rreferew għal dak li l-istess appellant iddikjara bil-ġurament tiegħu. Huwa qal li l-artiklu kien fih dikjarazzjonijiet foloz u għalhekk ta struzzjonijiet lill-avukat tiegħu: *«to file a civil suit in the Maltese Civili Court against MaltaToday for defamation.»* Għaldaqstant il-kumpanija appellata tisħaq li l-appellant stqarr li huwa ħassu malafamat bil-pubblikazzjoni u li huwa qies li l-pubblikazzjoni hija ta' ħsara għar-reputazzjoni tiegħu u b'hekk iwassal għall-konklużjoni li din hija proprju t-tifsira ta' "*libell*". Tirreferi għaldaqstant għal dak li jgħid il-**Kapitolu 579 tal-Liġijiet ta' Malta**. Għaldaqstant għalkemm l-attur qagħad attent kif fassal ir-rikors promotur u ħalla barra l-kliem "*libell*", "*malafama*" jew "*diffamatorja*" m'hemmx dubju li dak li qiegħed jitlob hija dikjarazzjoni li l-pubblikazzjoni inkwistjoni hija malafamanti u libelluża billi fih allegazzjonijiet ta' fatti li huma ħżiena u skorretti u ta' ħsara għar-reputazzjoni tiegħu.

18. Għalhekk il-kumpanija appellata ssostni li l-Ewwel Qorti kkwalifikat tajjeb in-natura tal-azzjoni bħala waħda li taqa' fil-parametri tal-**Att dwar**

**il-Midja u l-Malafama**. Tkompli billi tirreferi għar-rimedji maħsuba fl-**Artikoli 3, 9** u **15 tal-Att dwar il-Midja u l-Malafama**. Tgħid li għal dik li hija kawża ordinarja ta' libell, l-**Artikolu 47(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** huwa l-artikolu rilevanti. Dan l-artikolu jipprovdi li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala qorti tal-ewwel grad tisma' u tiddeċiedi l-pretensjonijiet kollha sa l-ammont ta' €15,000 kontra persuni li joqogħdu, jew li għandhom ir-residenza tagħhom ordinarja, f'parti tal-gżira ta' Malta. Għaldaqstant azzjoni ta' libell fejn id-danni ma jistgħux jeċċedu €11,640 u li skont il-liġi trid tinġieb quddiem "*il-qorti kompetenti*" trid titressaq quddiem il-Qorti tal-Maġistrati u li fuq kollox, l-appellant lanqas qiegħed jitlob danni. Ir-rimedju l-ieħor kontemplat huwa dak li tintalab korrezzjoni permezz tad-dritt tar-risposta li wkoll jista' jintalab biss quddiem il-Qorti tal-Maġistrati. Dawn huma l-uniċi azzjonijiet permissibbli lill-attur appellant u huwa ovvju li l-azzjoni ġiet proposta kif inhi għaliex kien għadda ż-żmien biex jippreżenta kawża ta' libell quddiem il-Qorti tal-Maġistrati fil-ġurisdizzjoni tagħha ċivili.

19. Għal dak li huma t-tielet u r-raba' aggravji, il-kumpanija appellata tgħid li r-rimedju tad-dritt tar-risposta kontemplat fil-liġi huwa rilevanti għaliex f'każ li l-editur jonqos milli jilqa' dik it-talba, il-persuna preġudizjata għandha l-jedd tressaq kawża quddiem il-Qorti tal-Maġistrati b'riħet l-**Artikolu 15(2)(f) tal-Kapitolu 579**. Lanqas ma jista' jitqies li l-Ewwel Qorti għamlet konsiderazzjonijiet irrelevanti meta qieset li l-artiklu ġie

ppubblikat snin ilu, anzi bil-maqlub billi din kienet ir-raġuni għaliex l-attur ressaq il-kawża tiegħu fil-forum ħażin. Għal dak li huwa s-sitt aggravju, il-kumpanija appellata tgħid li dan l-eżerċizzju kien ikun wieħed għalxejn, iservi biss biex ikompli jżid l-ispejjeż billi jirriżulta li l-azzjoni hija waħda preskritta.

20. Fl-aħħar nett għal dik li hija l-osservazzjoni finali, tgħid li ma kien hemm ebda bażi ġuridika għar-rikuża u l-attur qatt ma rreġistra oġġezzjoni quddiem l-Ewwel Qorti.

21. Ngħaddu issa biex inqisu l-aggravji. L-appellant jirreferi għal sitt aggravji. Dawn se jitqiesu f'daqqa billi ħafna minnhom jew huma ripetizzjoni ta' xulxin jew jirkbu fuq xulxin.

22. Illi huwa fatt li n-natura ta' azzjoni tiddependi mill-għażla tal-parti li tibdiha, u hija determinabbli mis-sura ta' talbiet li dik il-parti tkun tathom (ara s-sentenza tal-Qorti tal-Appell tas-7 ta' Ottubru, 1997 fil-kawża fl-ismijiet ***Frankie Refalo noe v. Jason Azzopardi et*** (mhix pubblikata)). B'mod partikolari, il-kompetenza ma tiddependix fuq iż-żmien meta ssir it-talba iżda fuq il-materja tat-talba (ara s-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tat-30 ta' April, 2009 fil-kawża fl-ismijiet ***Rev. David Morris noe v. Avukat Rachel Bonello et***).

23. Sfiq ma' dan huwa rilevanti dak li tenniet il-Qorti tal-Appell fid-29 ta'

April, 2016 fis-sentenza fil-kawża fl-ismijiet ***George Micallef v. Anthony Grima et***, *«L-indoli tal-azzjoni tiġi deżunta mhux tant mill-kliem più o meno eżatti tal-att istituttiv tal-ġudizzju, imma mill-iskop li għaliha huwa intiż il-ġudizzju* ***[Vol.XXXIV.III.746]***.*»* Kif ukoll, il-Qorti kompliet tgħid li: *«Biex tiġi fissata n-natura vera tal-azzjoni li tiġi eżerċitata wieħed irid iħares mhux lejn il-kliem kemm lejn dak li sostanzjalment ġie mitlub biċ-ċitazzjoni, jiġifieri l-fondament u l-oġġett tal-pretensjoni fiha dedotta* ***[Vol.lXXXV.II.776]»*** (ara s-sentenza tal-Appell tas-27 ta' Frar, 2015 fil-kawża fl-ismijiet ***Carmelo Scicluna et v. Angelo Scicluna***).

24. L-appellant isostni li l-kawża tiegħu hija kawża dikjaratorja.

25. Hekk kif imtenni mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza tagħha tad-29 ta' April, 2008 fil-kawża fl-ismijiet ***Gordon Mizzi et v. Dr John C. Grech et***, *«domanda diretta għall-otteniment ta' sempliċi dikjarazzjoni hija ammessa fil-ġurisprudenza tagħna, basta li l-Qorti tkun sodisfatta li d-domanda inkwistjoni ma tkunx biss domanda għal dikjarazzjoni merament akkademika, imma li tkun intenzjonata u tista' effettivament tiġi segwita b'domanda oħra li tkun esegwibbli. Konsegwenza loġika ta' dan hija li meta attur jippreżenta kawża li fiha jitlob merament dikjarazzjoni, huwa neċessarju li huwa jiżvela lill-Qorti liema huma dawk ir-rimedji li huwa jista' potenzjalment jirrikorri għalihom, kemm-il darba l-eżitu tal-kawża dikjaratorja ikun favorevoli għalih, u dan sabiex jissodisfa lill-Qorti*

*li d-dikjarazzjoni li hu qiegħed jitlob mhix waħda merament akkademika.»*

26. Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-sentenza tagħha tal-20 ta' Mejju, 2004 fil-kawża fl-ismijiet ***Alex Mangion v. Anthony Cilia et**,* kienet qiegħda tqis eċċezzjoni ta' nullità peress li l-kawża kienet waħda dikjaratorja. Il-fatti tal-każ kienu differenti minn dak tagħna, iżda dak li tenniet il-Qorti huwa xorta waħda ta' rilevanza. Fissret li l-interess irid ikun wieħed ġuridiku fis-sens li dan l-interess irid ikun rikonoxxut bil-liġi u l-azzjoni trid tkun preordinata sabiex jinkiseb rimedju mħares bil-liġi. Minħabba dan ir-rekwiżit, ġie deċiż li rimedji li jwasslu biss għall-kisba ta' sempliċi dikjarazzjoni mhux permissibli. Fil-kawża ***Darmenia v. Borg Oliver noe***, deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-18 ta' Frar, 1966, intqal li: *«fis-sistema aktarx segwit mill-Qrati tagħna, għad li m'humiex projbiti domandi diretti għall-otteniment ta' sempliċi dikjarazzjoni li tista' tkun preordinata għal domanda oħra definitiva jew finali, avolja din ma tkunx dedotta, jeħtieġ illi l-Qorti tkun persważa illi dak ir-rimedju l-ieħor jista' jingħata; jekk ir-rimedju konsegwenzjali mhuwiex ottenibbli mill-Qorti, id-dikjarazzjoni ma tingħatax*.» Hekk ukoll, fil-kawża ***Edrichton Estates Ltd v. Munro Philips & Co Ltd***, deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-2 ta' Ottubru, 2003, intqal li f'każ ta' talbiet dikjaratorji, il-Qorti tista' tieħu konjizzjoni tagħhom, purché dawn ikunu preordinati għal domanda definitiva u finali, anke jekk din tkun għadha ma ġietx dedotta f'ġudizzju.

27. Fis-sentenza fl-ismijiet ***Alex Mangion v. Anthony Cilia et***, fuq imsemmija, il-Qorti qalet;

> *«Min-naħa l-oħra, intqal ukoll li, «L-interess f'min jagħmel kawża m'hemmx bżonn li jkun patrimonjali, imma jista' jkun anki morali u astratt, purchè jkun ta' natura ġuridika, jiġifieri li jkun jikkorrispondi għal leżjoni ta' dritt, u għalhekk, hu biżżejjed, biex jirradika dak l-interess, anki sempliċi dritt onorifiku. Lanqas m'hu meħtieġ li jkun hemm vjolazzjoni ta' dritt veru u propju, imma hu biżżejjed li l-eżistenza tad-dritt tkun minaċċjata» – "**Axiaq v. Mizzi**", deċiża minn din il-Qorti fit-13 ta' Ottubru, 1952 (Kollez. Vol. XXXVI.11.532). Il-Qorti, f'dik il-kawża, kompliet tisma' l-kawża li kienet intiża għas-sempliċi interpretazzjoni ta' legat, u, għalkemm, seta' jingħad li s-sentenza ma tkunx tista' tiġi eżegwita, «mhux konċepibli kif is-sentenza li tagħti dik l-interpretazzjoni tista' tiġi injorata.»*
>
> *Interessanti wkoll illi d-deċiżjoni fil-kawża "**Falzon Sant Manduca v. Weale**", deċiża mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fid-9 ta' Jannar, 1959, (**Kollez. Vol XVIII.1.1**), fejn ingħad li l-interess m'hemmx għalfejn ikun jissarraf fi flus jew f'valur ekonomiku. Fil-kawża "**Ganado v. Ezekuttiv tal-Partit Nazzjonalista**", deċiża mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fit-3 ta' Settembru, 1961, ġie wkoll deċiż li: «d-dritt tal-attur vjolat bir-riżoluzzjoni impunjata għandu kontenut morali, u jidħol fil-kategorija tad-drittijiet soġġettivi immaterjali – liema dritt l-attur għandu b'din l-azzjoni l-interess li jiġi affermat permezz tal-awtorità ġudizzjarja.»*

28. Illi lil hemm minn dak li jgħid l-appellant, din il-Qorti trid teżamina l-premessi u t-talbiet u mhux tistrieħ biss fuq dak mistqarr minnu. Fil-każ tagħna, din il-Qorti tqis li l-attur qagħad attent biex il-kawża tiegħu jtiha libsa differenti minn dik li tabilħaqq hi.

29. Huwa minnu li l-appellant jippremetti li l-artiklu li deher fil-gazzetta MaltaToday semma li huwa iben persuna li kien Ministru ġewwa n-Niġerja, filwaqt li dan il-fatt mhux minnu. Madankollu, l-ilment veru tal-appellant, jgħid x'jgħid, huwa ovvju li huwa marbut mal-allegazzjonijiet li dehru fl-istess artiklu ċjoè li l-Panama Papers kixfu kif ċertu Edward

Keniwenimo Etete, it-tifel ta' dak li kien Ministru fin-Niġerja akkużat b'korruzzjoni u ħasil ta' flus, fetaħ kumpanija fil-Gżejjer Verġni Britanniċi permezz ta' intermedjarja Maltija u l-istorja tkompli b'bosta allegazzjonijiet. Huma dawn l-allegazzjonijiet li, mingħajr dubju, dejqu lill-attur li twaħħad ma' persuna li huwa jiddikjara li mhux missieru, liema persuna evidentement kellha fiż-żmien tal-artiklu dellijiet fuqha kaġun tal-allegazzjonijiet magħmula fil-konfront tagħha.

30. L-appellant irid jipprova jgħaddi lil kulħadd minn għajn il-labra. Huwa għalhekk li huwa talab li l-kumpanija konvenuta tkun ukoll ordnata li tikkoreġi l-istess artiklu kull fejn jeħtieġ u kull fejn jidher inkluż fuq is-sit elettroniku sabiex ikun konformi mal-fatti veri u tajbin, wara li jkun dikjarat li dan il-Ministru mhux missieru (għalkemm skont kif dikjarat mill-istess appellant fl-affidavit tiegħu, din il-persuna tiġi l-kuġin ta' missieru), iżda huwa iben Edward Gunn Etete. L-għan aħħari tal-kawża huwa sabiex isem l-appellant jitnaddaf u xejn aktar. Tant huwa hekk li fl-affidavit tiegħu (maħluf fil-21 ta' Settembru, 2018 fir-Reġistru tal-Ogħla Qorti ġewwa Lagos) jiddikjara b'mod ċar li: *«That I have instructed my counsel to file a civil suit in the Maltese Civil Court against MaltaToday for defamation.»*

31. Għaldaqstant l-Ewwel Qorti wasslet għall-konklużjoni t-tajba. L-Ewwel Qorti qieset l-argumenti kollha tal-attur, liema argumenti tressqu wkoll fir-rikors tal-appell tiegħu. Din il-Qorti m'għandhiex x'iżżid wisq ma'

dak li qalet l-Ewwel Qorti, anke għaliex tqis li l-argumenti mressqa huma pwerili u l-appellant qiegħed ifettaq meta m'għandux għalfejn.

32. Jeħtieġ li jiġi preċiżat li meta ġie ppubblikat l-artiklu fil-gazzetta lokali nhar is-7 ta' Ġunju, 2016 kien fis-seħħ l-**Att dwar L-Istampa** ċjoè **Kapitolu 248 tal-Liġijiet ta' Malta**. L-**Att dwar il-Midja u l-Malafama (Kapitolu 579 tal-Liġijiet ta' Malta**) tnieda fl-24 ta' April, 2018 u daħal fis-seħħ nhar l-14 ta' Mejju, 2018. B'hekk meta ġiet ippreżentata l-kawża l-Att fis-seħħ kien l-**Att dwar il-Midja u l-Malafama**. B'riħet l-**Artikolu 25(1) tal-Att dwar il-Midja u Malafama** tħassar l-**Att dwar l-Istampa**, li permezz tas-**subartikolu (2)** tal-istess artikolu baqa' biss applikabbli għall-kawżi ċivili li kienu pendenti, meqjus il-*proviso* tal-istess sub-artikolu.

33. Meqjus dan, rilevanti hija t-tifsira tal-kelma malafama li nsibu fl-**Att dwar il-Midja u l-Malafama**, ċjoè: *«il-komunikazzjoni ta' kliem li jagħmlu ħsara serja lir-reputazzjoni ta' persuna u tinkludi l-libell u l-inġurja.»*

34. Iddur fejn iddur, l-Ewwel Qorti kellha raġun tgħid li t-talba tal-appellant setgħet titressaq biss fl-ambitu ta' proċedura ta' libell. Rilevanti dak li tenniet il-Qorti tal-Appell fis-sentenza tagħha tat-12 ta' Lulju, 2023 fil-kawża fl-ismijiet ***L-Avukat Alfred Grech nomine v. Raymond Grech***, *«Din il-Qorti tibda billi tgħid illi li ladarba s-setgħa li Qorti tisma' kawża*

*toħroġ mil-liġi, kull deroga li żżommha milli tkun tista' twettaq dik is-setgħa tagħha trid tkun waħda espressa u mogħtija tifsira dejqa (ara* ***Joseph Fenech et v. Rev. Saċ. Prof. Serafino Zarb noe et*** *deċiża mill-Qorti tal-Appell fl-10 ta' Mejju, 1952 u* ***Stanley Sullivan et v. Stephen Browning Gilmour et*** *deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-17 ta' Jannar, 2013). Mill-banda l-oħra però, wieħed irid ukoll iżomm f'moħħu dak imtenni mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza* ***Gaetana Ghiller et v. Michael Ebejer et****, maqtugħa fl-20 ta' Jannar, 2008, li materja ta' kompetenza hi ta' ordni pubbliku u l-liġijiet li jirregolawha jridu jiġu strettament applikati. Wara kollox, il-ġurisdizzjoni u l-kompetenza tal-Qorti ma tistax tiġi deċiża fuq bażi ta' ekwità jew konvenjenza.»*

35. Minn dan it-tagħlim jinżel li minn qari tal-**Artikolu 47(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** kawża ta' libell għandha tinstema' u tiġi deċiża minn qorti speċifika, f'dan il-kaz il-Qorti tal-Maġistrati fil-ġurisdizzjoni ċivili tagħha. Tant huwa hekk li l-**Artikolu 3(2) tal-Kapitolu 579** jipprovdi: *«Stqarrijiet diffamatorji joħolqu azzjoni ta' libell quddiem il-qorti kompetenti u d-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili li jirrigwardaw azzjonijiet ippreżentati quddiem il-Qrati Ċivili għandhom japplikaw għal tali azzjoni.»* Magħdud ma' dan insibu l-**Artikolu 25 tal-Kapitolu 579** li pprovda dwar it-tħassir tal-**Att dwar l-Istampa** u dispożizzjonijiet tranżitorji. B'mod speċifiku fis-**subartikolu (2)** jingħad li minkejja d-dispożizzjonijiet l-oħra ta' dan l-Att,

l-Att imħassar[3], kif fis-seħħ qabel ma jiġi mħassar permezz ta' dan l-Att, għandu jkompli japplika fir-rigward ta' kawżi pendenti fil-qorti fiż-żmien li jitħassar. B'dan illi ddaħħal *proviso: «Iżda mhux aktar tard mit-tieni smigħ fil-qorti wara d-dħul fis-seħħ ta' dan l-Att ta' kwalunkwe każ li jinvolvi każ ċivili għal malafama li fil-ħin li daħal fis-seħħ dan l-Att ikun għadu għaddej u ma tħalliex għas-sottomissjonijiet finali jew għad-deċiżjoni quddiem il-* ***Qorti tal-Maġistrati fil-ġurisdizzjoni ċivili tagħha****, dik il-Qorti għandha mutatis mutandis tapplika d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 10(2)»* (Enfasi ta' din il-Qorti).

36. Ġaladarba rriżulta li l-azzjoni tal-lum taqa' fil-parametri ta' kawża ta' libell, din il-Qorti m'għandhiex għażla oħra għajr li tikkonferma dak deċiż mill-Ewwel Qorti.

37. Għal dak li huwa l-aggravju li l-Ewwel Qorti ma kellhiex tippronunzja ruħha fuq l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni, ġie mtenni fis-sentenza ta' din il-Qorti tal-25 ta' Mejju, 2023 fil-kawża fl-ismijiet ***Anthony Spiteri v. Shawn Ritchie et***, *«huwa miżmum ukoll li bosta drabi jiġri li l-mod kif jitressqu l-eċċezzjonijiet f'kawża jkun tali li waħda tidħol fl-oħra u jirreferu għal ċirkostanzi – fattwali u proċedurali – li jintrabtu ma' xulxin. Għalhekk, jiġri li fil-konsiderazzjonijiet li Qorti jkollha tagħmel biex tistħarreġ is-siwi ta' eċċezzjonijiet, mhux l-ewwel darba li jkollha tqis uħud*

[3] L-Att dwar l-Istampa.

*mill-eċċezzjonijiet l-oħrajn li jkunu tqajmu. Dan jiġri kemm meta l-Qorti tkun qiegħda tqis xi eċċezzjoni preliminari u kemm meta tqis eċċezzjonijiet fil-mertu. Kemm hu hekk, il-liġi nnifisha tgħid li jista' jsir dan fiċ-ċirkostanzi xierqa (ara l-***Artikolu 729 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta***). F'każ bħal dan, fejn ikun hemm eċċezzjonijiet li jirkbu fuq xulxin, il-Qorti ma tistax tiġi mixlija li ddeċidiet eċċezzjoni b'oħra, b'dana li s-sentenza tagħha ma tistax tiġi meqjusa bħala nulla għas-sempliċi fatt li biex iddeċidiet l-eċċezzjoni hija kellha tmiss ukoll xi punt li jidħol f'eċċezzjoni oħra (ara* **Rita Cassar v. Licia Borg** *deċiża mill-Qorti tal-Appell fl-14 ta' Diċembru, 2018).»*

38. Jirriżulta li l-Ewwel Qorti ma ddeċidietx l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni. Dak li għamlet l-Ewwel Qorti kien li użat l-argument li l-artiklu nkiteb fis-sena 2016, filwaqt li l-attur appellant ippreżenta l-kawża fis-sena 2018, u b'hekk kienet għaddiet aktar mill-perjodu ta' sena mogħti lil min iqis li għandu jieħu proċeduri meta jħossu inġurjat jew malafamat. Mod ieħor jingħad li l-perjodu ta' sena jissemma kemm fl-**Att dwar l-Istampa** (imħassar) u kif ukoll fl-**Att dwar il-Midja u l-Malafama**. Huwa ovvju għalhekk li l-Ewwel Qorti qieset li l-proċeduri tal-appellant kienu fil-fatt jikkostitwixxu proċeduri ta' libell u kien għalhekk li ladarba s-sena msemmija fil-liġi kienet għaddiet l-appellant mexxa bil-proċeduri tal-lum billi ma setax jagħmel mod ieħor. Il-kumpanija appellata għandha raġun tgħid illi mhux ġust li l-appellant jipprova jikseb rimedju b'mod li jkun dar

mal-mogħdija taż-żmien maħsub mil-liġi.

39. L-appellant jilmenta wkoll li l-Ewwel Qorti qajmet difiża minn jeddha mingħajr ma tatu l-opportunità jressaq provi. Dan l-aggravju mhux siewi. Billi l-Ewwel Qorti qalet li l-appellant kellu r-rimedju li jitlob dritt għal tweġiba u li dik it-tweġiba tingħata prominenza xierqa bħall-artikolu li ġie ppubblikat fil-gazzetta ma jfissirx li qajmet difiża minn jeddha.

40. Wara kollox huwa miżmum illi *iura novit curia*, jiġifieri, illi l-Qorti hija meqjusa li taf il-liġi u la dan hu hekk, il-partijiet f'tilwima legali m'għandhomx obbligu li bilfors joqogħdu jeċċepixxu jew jippruvaw il-liġi li tgħodd għall-każ tagħhom. Dan għaliex fl-aħħar mill-aħħar, il-Qorti hija dejjem marbuta li tapplika l-liġi wkoll jekk din ma tiġix ċitata mill-partijiet fil-kawża (ara ***Avukat Henri Mizzi nomine et v. Telestarr Limited*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-30 ta' Settembru, 2016; kif ukoll, sentenza deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-15 ta' Ġunju, 2023 fil-kawża fl-ismijiet ***Palm Shipping Agency Limited v. Korporazzjoni Enemalta***).

41. Kull ma għamlet l-Ewwel Qorti huwa li ssemmi dak li seta' seħħ fiċ-ċirkostanzi tal-każ meqjusa r-rimedji mogħtija mil-liġi nnifisha. Dan il-kumment min-naħa tal-Qorti x'aktarx ma niżilx tajjeb mal-appellant għaliex laqtu fil-laħam il-ħaj. Fuq kollox iwaqqa' l-argument tal-istess appellant, fis-sens illi l-Ewwel Qorti qieset li huwa ma talabx riżarċiment

ta' danni u allura dan kien ikun rimedju effettiv għaliex isir mal-ħakka t'għajn. Il-verità iżda hija li l-appellant ma ndunax mill-ewwel bl-artiklu (u huwa għalhekk li huwa ma qalx fl-affidavit tiegħu meta sar jaf bih) u dan ir-rimedju ma kienx jagħmel aktar sens li jagħmel użu minnu. Ikompli jsaħħaħ ukoll, fil-fehma ta' din il-Qorti, li l-azzjoni tal-appellant hija mmirata sabiex titnaddaf ir-reputazzjoni tiegħu permezz ta' dikjarazzjoni ġudizzjarja għaliex li kieku kienet biss kwistjoni li jiġi kjarifikat fatt li m'għandux mis-sewwa ċjoè li huwa mhux iben il-Ministru msemmi fl-istess artikolu ma kinitx se tagħmel wisq differenza meta t-tweġiba tiġi ppubblikata.

42. Din il-Qorti tagħlaq billi tqis ukoll li l-Ewwel Qorti ma laqgħetx l-eċċezzjoni preliminari abbażi ta' dan il-kumment lanqas.

43. Fis-**sitt aggravju** tiegħu l-appellant jisħaq li mingħajr ħsara għall-aggravji ta' qabel, jekk din il-Qorti taqbel mal-Ewwel Qorti li laqgħet l-eċċezzjoni li mhix kompetenti *ratione materiae*, l-Ewwel Qorti kienet obbligata li tordna li l-atti tal-proċeduri jintbagħtu lill-qorti li tqis li għandha tieħu konjizzjoni tal-kawża u mhux taqbad u taqta' l-kawża b'mod definittiv.

44. Illi kif rajna l-ebda wieħed mill-aggravji meqjusa qabel ma tqisu li huma fejjieda. L-appellant qiegħed jirreferi għall-**Artikolu 741(b) tal-**

**Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.** Dan l-artikolu jaqra hekk:

> *«741. L-eċċezzjoni tal-inkompetenza tal-qorti tista' tingħata -*
>
> *(b) meta, għalkemm ta' ġurisdizzjoni tal-qrati ta' Malta, il-kawża tinġieb quddiem qorti diversa minn dik li għandha tieħu konjizzjoni tagħha:*
>
> *Iżda jekk il-qorti tikkunsidra li l-eċċezzjoni hi ġustifikata, il-qorti għandha, permezz ta' digriet in camera, li ma jkunx appellabbli, tordna li l-atti tal-proċeduri jiġu trasferiti lill-qorti, bord jew tribunal li l-qorti tikkunsidra li għandhom jieħdu konjizzjoni ta' dik il-kawża:»*

45. Permezz tal-**Att IV tas-sena 2016** ġew introdotti emendi għall-**Artikolu 741 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**. Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-sentenza mogħtija fil-21 ta' Marzu, 2018 fil-kawża fl-ismijiet ***Donald Micallef v. Mario Aquilina et:*** *«Dawn l-emendi, kienu appositament introdotti bl-iskop, li sa fejn jista' jkun, meta Qorti tiddikjara ruħha inkompetenti, l-Atti jiġu salvati billi jintbagħtu quddiem dik il-Qorti jew Tribunal li għandu kompetenza li jisma' l-kawża.»*

46. Illi kif diġà ntqal, il-kumpanija konvenuta laqgħet għal dan l-aggravju billi saħqet li jkun eżerċizzju għalxejn billi għaddiet aktar minn sena mill-pubblikazzjoni tal-artiklu inkwistjoni għal meta ġiet preżentata l-kawża mill-appellant.

47. Din il-Qorti tagħraf li l-**Artikolu 741(b) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** huwa artikolu ġeneriku u li mad-daqqa t'għajn ma jipprovdi għal ebda eċċezzjoni sabiex jitħaddem. Biss

però l-liġi trid titħaddem ukoll b'mod li jintlaħaq l-iskop tal-leġislatur meta tnediet.

48. Din il-Qorti fil-fatt tifhimha li l-**Artikolu 741(b) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** ma jistax jiġi applikat jekk ir-rinviju ma jkunx wieħed fattibbli. Hekk pereżempju persuna li tkun tilfet kawża biex jinħariġilha permess ta' żvilupp quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar, ma tistax tiftaħ kawża ġdida quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili biex jinħarġilha dak il-permess u tippretendi li wara li l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tiddikjara li hi m'għandhiex il-kompetenza meħtieġa li tisma' dak l-ilment tagħha, bit-tħaddim tal-**Artikolu 741(b) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** hija tibgħat l-atti quddiem t-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar biex dan jerġa' jiddeċiedi mill-ġdid il-każ dwar il-ħruġ tal-permess. Dan għaliex it-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar ikun ġa esprima ruħu fuq il-kwistjoni.

49. Bl-istess mod, persuna li b'intenzjoni u b'rieda speċifika tkun iddeċidiet li tiftaħ kawża quddiem qorti partikolari, bl-esklużjoni maħsuba ta' organi ġudizzjarji oħra, ma tistax tippretendi, wara li tkun issieltet mal-parti l-oħra dwar il-kompetenza ta' dik il-Qorti, tibbenefika mid-dispożizzjonijiet tal-**Artikolu 741(b) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** sabiex isir rinviju li dik l-istess parti qatt ma tkun riedet.

50. Terġa' u tgħid, jidher li l-**Artikolu 741(b) tal-Kodiċi ta'**

**Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** li jitkellem dwar digriet mhux appellabli f'każ ta' rinviju lill-qorti kompetenti, huwa x'aktarx f'kunflitt mal-**Artikolu 741(b) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**, li jitkellem dwar l-għoti ta' sentenza f'każ ta' deċiżjoni dwar l-inkompetenza tal-Qorti. Minħabba f'hekk kopja ta' din is-sentenza sejra tintbagħat lill-Ministeru Għall-Ġustizzja.

51. Dwar dan il-punt fis-sentenza (appellata) tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tat-28 ta' Ottubru, 2022 fil-kawża fl-ismijiet ***Steward Malta Management v. Il-Kummissarju tat-Taxxi*** ġie mtenni li: «*il-Qorti tifhem li l-**artikolu 741(b) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta** jgħodd meta l-attur ma jkunx qiegħed jikkontesta l-eċċezzjoni tal-kompetenza li tkun ġiet imqanqla mill-konvenut u jħalli f'idejn il-qorti tiddeċiedi hi jekk għandhiex iżżomm il-kawża jew inkella tibgħathiex quddiem qorti jew tribunal ieħor. Huwa għalhekk li f'każ bħal dan, il-liġi fl-**artikolu 741(b) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** trid li d-digriet li ma jkunx appellabbli. Meta iżda l-parti topponi għal dik l-eċċezzjoni tal-inkompetenza għaliex l-attur jinsisti li l-kawża fetaħha sew bħalma ġara f'dan il-każ, allura l-qorti ma tkunx aktar tista' tagħti digriet mhux appellabbli skont l-**artikolu 741(b)** iżda jkollha tagħti sentenza dwar dik l-eċċezzjoni skont l-**artikolu 730**, ħalli b'hekk il-partijiet li jkunu qegħdin jitlewmu dwar il-kompetenza tal-qorti jkunu jistgħu, jekk iridu, jappellaw minn dik is-sentenza*.»

52. Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili kompliet tfisser il-ħsieb tagħha b'dan il-mod:

*«Naturalment jekk l-attur ikun għażel li jikkontesta l-eċċezzjoni tal-inkompetenza u l-qorti issib kontrih permezz ta' sentenza, l-attur ma jistax jippretendi li l-qorti tuża' l-***artikolu 741(b) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta***, sabiex wara s-sentenza, hija tagħti digriet biex tibgħat il-kawża quddiem il-qorti t-tajba. L-aktar li jista' jagħmel l-attur huwa li jappella minn dik is-sentenza quddiem il-Qorti tal-Appell biex din iddawwar is-sentenza tal-ewwel qorti;*

*Ir-rinviju msemmi fl-***artikolu 741(b) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta** *għalhekk ma jistax jiġi użat meta l-eċċezzjoni tiġi deċiża b'sentenza. Li kieku rinviju taħt dan l-artikolu jkun jista' jsir anke wara li tingħata sentenza mill-ewwel qorti u mill-qorti tal-appell, dan ikun ifisser li l-qorti jew tribunal li jirċievi l-kawża jkun jista' ma jaqbilx ma' dik is-sentenza u jerġa' jibgħat lill-Qorti tal-Appell u nerġgħu niġu ċirku tond. Ħaġa bħal din, żgur li ma kinitx l-intenzjoni tal-leġislatur. Għalhekk il-qorti qiegħda tifhem li r-rinviju msemmi fl-***artikolu 741(b) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta** *jista' jsir biss meta l-eċċezzjoni tal-inkompetenza ma tiġix deċiża b'sentenza u tiġi deċiża biss b'digriet kamerali għaliex il-partijiet ma jkollhomx kontestazzjoni bejniethom dwar il-qorti kompetenti;*

*Fuq kollox, il-qorti tifhem li r-rinviju lil tribunal ieħor kif imsemmi fl-***artikolu 741(b) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta** *jista' jsir biss sakemm dak ir-rinviju jkun wieħed fattibbli. Skont l-***artikoli 43***,* **44** *u* **59 tal-Kap 406 tal-Liġijiet ta' Malta,** *il-kwistjoni mqanqla minn Stewart kellha titressaq quddiem it-Tribunal tar-Reviżjoni Amministrattiva fi żmien tletin jum mid-data tan-notifika tat-talba għall-ħlas magħmula mill-Kummissarju tat-Taxxi. F'dan il-każ, tajjeb jew ħazin dawn it-tletin jum illum għaddew. Għalhekk din il-qorti, anke kieku trid, ma tistax tibgħat l-atti lit-Tribunal tar-Reviżjoni Amministrattiva ladarba dan iż-żmien laħaq għadda;*

*Il-qorti tqis ukoll li lex vigilantibus spectat. Jiġifieri li l-liġi tħares lejn l-interessi ta' dawk li joqogħdu attenti mal-liġi. F'dan il-każ kien nuqqas ta' Steward, li ressqu din il-kawża quddiem l-organu ġudizzjarju l-ħażin. Fiż-żgur, din il-qorti ma tistax ma tqisx ukoll li Steward għażlet li tikkontesta l-eċċezzjoni tal-kompetenza mqajma mill-Kummissarju konvenut u għar-raġunijiet li tafhom hi biss, għażlet li taħli xhur sħaħ fuq din il-kwistjoni tal-kompetenza billi l-ewwel titlob li tressaq il-provi dwar din il-kwistjoni biex mbagħad ma tressaqhomx;*

*Tassew din il-qorti ma tarax li tkun qiegħda tagħmel sew, jekk tibgħat l-atti lit-Tribunal tar-Reviżjoni Amministrattiva, aktar u aktar: (i) meta jkollok sitwazzjoni bħal f'dan il-każ fejn kawża tinfetaħ quddiem qorti ħażina bla ġustifikazzjoni; (ii) meta għandek liġi ċara li tgħidlek fejn din il-kawża għandha titressaq; u (iii) agħar minn hekk dik il-parti ttawwal il-*

> *proċeduri għalxejn billi twiegħed li ħa tressaq il-provi imbagħad ma tressaqhomx. Fil-fehma ta' din il-qorti, ir-rinviju msemmi fl-***artikolu 741(b) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta** *m'għandux iservi biex parti tinqeda bih bil-ħsieb ħażin li tipprova tirbaħ iż-żmien.»*

53. Il-fattispeċji tal-kawża fuq ċitata hija kemmxejn differenti minn dik li hemm quddiemna, però hemm ftit xebħ ukoll fis-sens li: (i) l-appellant fil-każ tagħna oppona l-eċċezzjoni bil-qawwa kollha u ressaq provi dwar l-istess; (ii) hemm liġi ċara li tgħidlek fejn messha ġiet ippreżentata l-kawża tal-lum iżda kif ġie mfisser aktar 'il fuq l-appellant ipprova jgħaddi mit-tieqa għaliex ma setax jgħaddi mill-bieb billi għadda ż-żmien li fih seta' jmexxi b'kawża ta' libell; (iii) għalkemm l-Ewwel Qorti ma ddeċidietx l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni madankollu, tajjeb jew ħażin, is-sena kienet diġà għaddiet meta huwa fetaħ il-kawża. Huwa kollu ta' xejn li l-appellant jiggranfa mal-argument li huwa ma ressaqx provi dwar dan il-punt għaliex la t-terminu għadda għadda. Mhux kwistjoni li seta' kien hemm xi interruzzjoni jew sospensjoni tat-terminu għaliex il-perjodu ta' sena huwa terminu ta' dekadenza impost mil-liġi u bħala tali huwa ta' ordni pubbliku; u (iv) jiġi b'hekk li kwalunkwe rinviju jissarraf biss f'telf ta' ħin għaliex mhux fattibbli.

54. Għaldaqstant dan l-aggravju qiegħed jiġi miċħud.

55. Fl-aħħar nett, l-appellant għoġbu jagħmel dik li huwa sejjaħ osservazzjoni finali. Din il-Qorti tqis li l-osservazzjoni magħmula ma tagħmilx ġieh lil min ressaqha. Huwa faċli li parti tixħet insinwazzjonijiet u dubji fuq ġudikant li jkun iddeċieda jew ippresjeda l-kawża wara li t-talba

ta' dik il-parti tkun ġiet miċħuda. L-istess appellant jammetti li dak ikkummentat minnu ma kinitx raġuni tajba għal rikuża tal-Imħallef sedenti. L-appellant għoġbu jixħet fl-atti fatti li fl-aħħar mill-aħħar lanqas hemm nitfa ta' prova dwarhom fl-atti proċesswali. Fuq kollox minn qari tad-deċiżjoni appellata u mill-atti proċesswali jirriżulta li l-Imħallef sedenti mexa skont il-ħaqq u s-sewwa u ma jirriżulta minn imkien li b'xi mod seta' kien imparzjali. Dan qiegħed jingħad mhux għaliex din il-Qorti riedet tgħarbel l-aġir tal-Imħallef, iżda biss għall-kompletezza.

**Decide**

Għal dawn ir-raġunijiet kollha, din il-Qorti qiegħda **tiċħad** l-appell ta' Edward Keninwenimo u tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjeż ta' dan l-appell ibatihom l-appellant.

Kopja ta' din id-deċiżjoni għandha tiġi komunikata, bi spejjeż għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali, lill-Ministeru Għall-Ġustizzja sabiex iqis jekk hemmx lok li jkun hemm tibdil fil-liġi minħabba l-mod ta' kif inhuma miktuba l-**Artikoli 730** u **741(b) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.**

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Christian Falzon Scerri<br>Imħallef | Josette Demicoli<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
ss